**Kunsill Lokali L-Imġarr**

22, Triq Sir Harry Luke, L-Imġarr, MGR 1501, Malta
Tel : 21 520011 / 27 520011 Fax : 21 522252
mgarr.lc@gov.mt
***www.mgarrlc.com***

# Seduta numru 20 tas-7 Leġislatura
# Illum it-Tnejn 20 t' Ottubru 2014

**MINUTI**

Il-Membri li jikkomponu is-7 Leġiżlatura tal-Kunsill Lokali ta' l-Imġarr, iltaqgħu fl-Uffiċċju Amministrattiv għas-Seduta Numru 20 tas-7 Leġiżlatura tal-Kunsill Lokali Mġarr nhar it-Tnejn 20 t' Ottubru 2014, fl-Uffiċċju Amministrattiv, fuq din l-aġenda:

1. Approvazzjoni tal-Minuti
2. Korrispondenza
3. Kommunikazzjonijiet
4. Hruġ ta' Sejħiet ta' Offerti ġodda
5. Attivitajiet tal-Milied
6. Akkwist ta' Vann
7. Follow-Up fuq il-vista ta' Delegazzjoni ta' Lagosanto
8. Affarijiet Mixxelanji

Kienu preżenti is-Sindku Paul Vella, id-Deputat Sindku Eman Vella, il-Kunsillier Mario Sammut, il-Kunsillier Elizabeth Ebejer, flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv Cyprian Dalli u l-Ambaxxatriċi taż-Żgħażagħ Elaine Vella.

Il-laqgħa tmexxiet mis-Sindku, Paul Vella.

Qabel il-bidu tas-Seduta, is-Sindku issosspenda temporanjament il-laqgħa sabiex żewġ membri tal-istaff, Natasha Cassar u Dorienne Mifsud setgħu jagħmlu intervent dwar il-Performance Review tagħhom għas-sena 2013. Meta dan l-intervent ġie fi' tmiemu, il-laqgħa tkompliet.

## 1 Minuti

*Punti mill-Minuti*

*dwar Punt 6.3 :* Il-Kunsill, wara li reġa' ddiskuta, qabel unanimament li jitlob li din il-bankina titbaxxa fl-ewwel 20 metru tagħha u titkompla għal madwar 50 metru ieħor lejn in-naħa tal-kisra lejn Binġemma.

*dwar Punt 3.1:* Is-Sindku informa li peress li l-istima għall-dan ix-xogħol kienet għolja, dan ix-xogħol ma sarx izada ntbgħat cleaner biex inaddaf il-post.

*dwar Punt 7.1:* Is-sindku informa li iltaqa' ma' Paul micallef tal-W.S.C. u li ġie ikkonfermat li kienu ser isiru laqgħat ta' informazzjoni mal-bdiewa. Eman Vella informa li minn indikazzjonijiet li kellu, dawn il-laqgħat kienu ser jibdew immedjatament.

*dwar Punt 7.2* Eman Vella informa li din l-attivita' kienet ġiet postposta b' ġimgħatejn u saret fl-10 t' Ottubru.

1.1 Il-Minuti ġew meqjusa moqrija u wara konsiderazzjoni ġew approvati kif ippreżentati u għalhekk iffirmati mis-Segretarju Eżekuttiv u s-Sindku.

**2 Korrispondenza**

2.1 Ġew innuttati diversi memos mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali.

2.2 Ġew innuttati diversi korrispondenzi u notifikazzjonijiet mingħand il-MEPA.

2.3 Claim dwar waqa' mingħand residenta : il-Kunsill iddeċieda li jieħu il-parir tal-avukat dwar dan il-każ.

2.4 Talba mingħand Mġarr Ironmongery dwar parkeġġ fi' Triq iż-Żebbiegħ - Il-Kunsill iddeċieda li din it-talba tintbgħat lill-Transport Malta.

2.5 Korrispondenza mingħand Transport Malta bl-approvazzjoni ta' One Way fi' Triq is-Sebħ.

2.6 Korrispondenza mingħand Mġarr Karate Club dwar għajnuna mill-Kunsill - Il-Kunsill, għalkemm japprezza l-isforzi u d-dedikazzjoni tal-Club, ma jistax jagħtli għajnuna finanzjarja u donazjonijiet. Dan ser jiġi kkomunikat lill-Club.

**3. Komunikazzjonijiet**

3.1 Clayton Gauci indika li hemm bżonn ta' Traffic Mirror quddiem Villa Tempra. il-Kunsill approva.

**Kunsill Lokali L-Imġarr**

22, Triq Sir Harry Luke, L-Imġarr, MGR 1501, Malta
Tel : 21 520011 / 27 520011 Fax : 21 522252
mgarr.lc@gov.mt
*www.mgarrlc.com*

3.2 Paul Vella informa li kien ser isir xogħol fit-Triq Tal-Palma, primarjament dak li jinbidel il-mains tal-ilma u tiġi irranġata it-triq.

3.3 Clayton Gauci talab update tal-proġett tal-Wied tal-Ġnejna. Is-Sindku informa li kien talab l-intervent ta' Ray Farrugia biex dan il-proġett jitwettaq.

3.4 Clayton Gauci informa li kien hemm bżonn jiġi ċċekjati il-minuti tal-kumitat taż-Żgħażagħ dwar il-proġett tal-KMS u d-diskrepanza finanzarja dwar dan il-proġett.

3.5 Elizabeth Ebejer infurmat li kienet attendiet il-laqgħat dwar l-Anzjanita' Attiva.

3.6 Paul Vella informa li kienet saret laqgħa mal-Perit Mariello Spiteri dwar il-Ġnien tal-Housing Estate. Clayton Gauci kien attenda wkoll.

3.7 Paul Vella informa li skont stima li għandu, ir-restawr tar-Ruħ kienet ser tiswa' €1000. Il-Kunsill iddiskuta u ddeċieda li għalissa ma ssirx minħabba prijoritajiet oħra tal-Kunsill.

3.8 Is-Sindku informa li wara laqgħa fuq is-sit tal-proġett ta' Wesgħat il-Ġublew mal-perit, il-kuntrattur tax-xogħol u l-kuntrattur tal-materjal, ġie deċiż li jitneħħa iil-ħajt tal-gagazza minħabba li kien perikoluż. Il-kunsill qabel li , peress li dan kien jinkludi xogħol biex jagħmel is-sit aktar sigur u konformi mal-istandards tal-MCCAA, dan ix-xogħol kellu jsir.

## 4. Hruġ ta' Sejħiet ta' Offerti ġodda

4.1 Il-Kunsill iddiskuta id-diversi bżonnijiet li għandu kif ukoll il-kuntratti li għandi ser jiskadu u ddeċida li jinħarġu dawn is-sejġiet għall-offerti:

- **TENDER MGR 2014/07**
  Forniment ta' Konkos - Prezz €50.00

- **TENDER MGR 2014/08**
  Servizz ta' Sinjali ta' Traffiku u ta' Marki fit-Toroq - Prezz €50.00

- **TENDER MGR 2014/09**
  Servizz ta' Ġbir ta' Skart Goff - Prezz €50.00

- **TENDER MGR 2014/10**
  Servizz ta' Tindif fit-Toroq - Prezz €50.00

- **TENDER MGR 2014/11**
  Servizz ta' Ġbir ta' Skart - Prezz €50.00

- **TENDER MGR 2014/12**
  Forniment ta' 'Rigid-Fencing' għall-żewġ proġetti- Prezz €50.00

- **TENDER MGR 2014/13**
  Forniment ta' Railing għall-proġett ta' Wesgħat il-Ġublew - Prezz €50.00

- **TENDER MGR 2014/14**
  Forniment ta' Għamara tat-Triq għall-proġett ta' Wesgħat il-Ġublew
  Prezz €50.00

- **TENDER MGR 2014/15**
  Vann 'Second-Hand' ta' 7 min-nies

- **KWOTAZZJONI MGR 2014/K3**
  Unit ta' Arja Kkondizzjonata 24,000BTU, 'Cassette Type'

L-offerti ssiġġilati għall-dawn sejħiet għandhom jaslu għand il-Kunsill sa’ nofs in-nhar tal-Erbgħa 14 ta' Jannar 2015, fil-bini tal-Uffiċċju Amministrattiv, 22, Triq Sir Harry Luke, L-Imġarr.

**5. Attivitajiet tal-Milied**

5.1 Il-Kunsill qabel li terġa ssir l-attivita' fejn jitaqassmu rigali (hampers) lill-persuni bi' bżonnijiet speċjali fil-komunita, fil-imgġat ta' qabel il-Milied.

5.2 Paul Vella informa wkoll li kien hemm il-ħsieb li ssir eżibizzjoni fotografika ta' ritratti antiki marbutin mal-lokalita', u għalhekk kien ser ikellem lil Lorraine Abela dwar dan.

**6. Akkwist ta' Vann**

6.1 Is-Sindku ta' informazzjoni u update tal-intent li jinxtara Vann mill-Kunsill.

6.2 Intqal li wara il-ħruġ ta' tender dan kien għoli wisq kif ukoll il-vann ikkwotat ma kienx għadu jista' jinkiseb peress li kien inbiegħ. Is-sindku kien anke iċċekkja mingħand 'dealers' oħrajn u siti elettroniċi biex jakkwista aktar informazzjoni.

6.3 Għalhekk il-Kunsill kien ser ikun qed joħroġ sejħa ġdida għall-offerti (ara Punti 4 dwar dan).

**7. Follow-Up fuq il-vista ta' Delegazzjoni ta' Lagosanto**

7.1 Mario Sammut ippreżenta update wara iż-żjara tad-delegazzjoni Taljana minn Lagosanto.

7.2 Kien hemm proposta ta' :

- ftehim ta' twinning;
- Novembru 2014 - Turnament tal-volleyball u football fl-Italja
- Settembru 2015 - Delegazzjoni minn-Lagosanto iżżur l-Imġarr;
- Ottubru 2015 - Żjara ta' delegazzjoni mill-Kunsill f' Lagosanto;
- April 2016 - Delegazzjoni minn Lagosanto tipparteċipa f' Festa Frawli fl-Imġarr;
- Mejju 2016 - Delegazzjoni mil-Imġarr tipparteċipa fis-Sagra delle Fragole f' Lagosanto;
- Hidma flimkien fil-proġett Ersmus Plus.

7.3 Minħabba problemi loġistiċi, il-Kunsill iddeċida li ma jieħux parti fit-turnament sportiv f' Novembru.

7.5 Il-Kunsill qabel li Mario Sammut ser ikun il-Kunsillier li ser ikun qed jieħu ħsieb jikkoordina dan il-proġett u jikkorrispondi ma' Lagosanto.

7.6 Clayton Gauci wera' id-dispjaċir tiegħu li ma kienx ġie infurmat adekwatament minn qabel sabiex ikun jista' jattendi għall-din il-laqgħa. Is-Sindku u Eman Vella, filwaqt li qablu miegħu, tennew li kien avżati ftit jiem biss qabel iż-żjara ta' din id-Delegazzjoni.

## 8. Affarijiet Mixxelanji

8.1 Is-Sindku informa li kienet saret laqgħa mal-HSBC u l-Universita' dwar il-proġett tal-Għasfura u li dan il-proġett kien miexi 'il quddiem.

8.2 Is-Sindku informa li Triq Binġemma kienet għada magħluqa minħabba xi xogħlijiet li kienu qed isiru fiha.

8.3 Is-Sindku ippropona li ssir fencing fi' Triq l-Alwiża. Il-Kunsill approva.

8.4 Is-Sindku informa li kien qed isiru qari bil-Malti fl-iskola għat-tfal tal-lokalita'.

8.5 Is-Sindku informa li l-ELC kien ser ineħħi siġra tal-palm fiż-żona ta' Binġemma.

8.6 Is-Sindku informa li fl-2015, il-proċess tal-ġbir ta' skart agrikolu li jinġabar mill-Wasteserve għandu jibda' f' Marzu.

8.7 Paul Vella informa wkoll li wara li Transport Malta kienet qed tagħmel xi xogħlijiet quddiem il-Knisja ta' Sant' Anna fiż-Żebbiegħ, ix-xogħol ma ġien

milqugħ sew mir-residenti u għalhekk hu tkellem mal-perit ta' TM u mal-Kuntrtattur sabiex dan il-proġett isir skond il-bżonnijiet tar-residenti.

8.8 Is-Sindku informa wkoll li kien qed isir xogħol ta; kisi mill-handymen tal-Kunsill fil-garaxx ta' Triq il-Karamelli.

8.9 Is-Sindku informa li fi' Triq ir-Ruħ, kien hemm bidwi li waddbuli xi ħamrija u materjal fl-għalqa tiegħu. Is-Sindku semma li sab kuntrattur biex jagħmle dan ix-xogħol u dan ser jiswa' €450.

8.10 Elizabeth Ebejer semmiet li is-siġar ta' Triq il-Kbira kellhom bżonn żabra u tingħata tindifa lill-post. Ġiet diskussa il-possibilita' li ssir xibka biex tilqa' il-ħmieġ tas-siġar. Is-Sindku ser ikellem lill-Perit u lill-ELC dwar dan.

8.11 Elizabeth Ebejer semmiet wkoll li l-bankina ta' Triq Fisher għandha bżonn titnaddaf.

**Aġġornament**

Is-Seduta ntemmet fit-8:45pm u ġiet aġġornata għat-Tnejn, 1 ta' Diċembru 2014.

***Cyprian Dalli***
Segretarju Ezekuttiv

***Paul Vella***
Sindku